FGURA

Minuti tal-kontinwazzjoni tal-ħames laqgħa tas- Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum 21 t'Ottubru 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.00pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara` KLJ |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A.Degiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sinjura R.Cutajar<br>Is-Sur P.Dalli<br>Is-Sur M.Lombardo |
| **Deputat Segretarju:** | Is-Sur K.Borg |

Is-Sur B.Camilleri kien informa li ma setgħax jattendi, minħabba attivita' ta' Jum il-Fgura.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1 Approvazzjoni ta' Minuti

**Minuti tal-Laqgħa 16 ta' Settembru 2009** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tal-laqgħa ta' 16 ta'Settembru 2009. Il-minuti tal-laqgħa kienu approvati nem con.

Il-Vici Sindku ressaq mozzjoni ref: 2565/09/6 "Li dan il-Kunsill jitratta r-rapport tas-sotto kumitat Ġieħ il-Fgura u Ħajr il-Fgura bħala materja li toħroġ mill-minuti tal-laqgħa ta' qabel skond l-Ordni Permanenti 5(d)." Din kienet sekondata mis-Sinjura R.Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2565/09/6 kienet approvata nem con.

Il-Vici Sindku ressaq mozzjoni ref: 2566/09/6 "Li jiġi addotat ir-rapport imressaq mis-Sotto-Kumitat dwar l-għażla tal-Premju Ġieħ il- Fgura, u l-Premju Ħajr il-Fgura." Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2566/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sindku, l-Viċi Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sinjura R.Cutajar ivvutaw favur u s-Sur M.Lombardo vvota kontra.

## 2. Korrispondenza

Ittra mill-kumpanija Maypole ppproponiet lill-Kunsill biex fil-lejla maltija organiżżata mill-istess Kunsill tipparteċipa billi itellgħa xi stand għall-bejgħ t'ikel. Il-Kunsill approva. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li kull donazzjoni li l-Kunsill jirċievi għandha tkun notifikata waqt laqgħa tal-Kunsill.

Ittra minn Ms Marcon Cassar rigward After School Programme. Il-Viċi Sindku addotta l-mozzjoni tas-Sur B.Camilleri mozzjoni ref: 2567/09/6 "Li dan il-Kunsill japprova l-ammont ta' €1537.20 bħala spiża addizjonali sabiex jitkompla l-After School Programme' bi sħab mal-Kunsill Malti għall-Isport (KMS) hekk kif tindika korrispondenza Nru 458. Dan wara li għall-kors li kien jipprovdi għal 40, applikaw 84 tifel u tifla." Din kienet sekondata mil-Viċi Sindku.

Fis-6.13pm daħal fil-kamra s-Sur A.Debono.

Il-mozzjoni ref: 2567/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur S.Camilleri, s-Sur M.Lombardo u s-Sinjura R.Cutajar ivvutaw favur. Is-Sur A.Debono astjena.

Il Viċi Sindku ressaq korrispondenza numri 469 u 240. Dawn jitrattaw xi tip t'avviżi u reklami fit-toroq. Is-Sur M.Lombardo ressaq mozzjoni ( bla sekondant biex tissejjaħ Expression of Interest fuq reklami fil-lokalita tal-Fgura.)

Wara diskussjoni is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2568/09/6 "Li dan il-Kunsill jaħtar sotto-kumitat dwar reklamar tat-toroq minn: Mark Lombardo, Saviour Camilleri, Anthony Degiovanni, Darren Marmara'". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2568/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar ivvutaw favur. Is-Sur M.Lombardo astjena. Is-Sur A.Debono vvota kontra.

## 3. <u>Approvazzjoni Purchase Request Forms</u>

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2569/09/6 "Sabiex jiġu approvati l-Purchase Request Forms annessi". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2569/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar ivvutaw favur. Is-Sur M.Lombardo u s-Sur A.Debono ivvotaw kontra.

## 4. <u>Approvazzjoni Ħlasijiet</u>

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2570/09/6 "Sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet annessi". Din kienet sekondata mil-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2570/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar ivvutaw favur. Is-Sur M.Lombardo u s-Sur A.Debono ivvotaw kontra.

Il-Viċi-Sindku ressaq mozzjoni bla avviż ref: 2571/09/6 "Li dan il-Kunsill japprova mozzjoni mingħajr avviż skont l-ordni permanenti 12(d) sabiex jinbidel l-ordni tax-xogħol biex jitratta xogħol espressament meħtieġ mil-liġi skont 50.5(c) dwar mozzjonijiet kif stipulat fl 50 8(2). Għaldaqstant jiddeċiedi li jressaq issa dawk il-mozzjonijiet kollha notifikati fl-ordni li ġew preżentati kif jidher hawn taħt.
Mozzjoni Numru 2555, Proponent M. Lombardo Sekondant A. Debono
Mozzjoni Numru 2556, Proponent A. Degiovanni Sekondant R.Cutajar
Mozzjoni Numru 2557, Proponent A. Degiovanni Sekondant P. Dalli
Mozzjoni Numru 2558, Proponent R.Cutajar Sekondant S. Camilleri
Mozzjoni Numru 2559, Proponent P.Dalli Sekondant D.Marmara'
Mozzjoni Numru 2560, Proponent P.Dalli Sekondant S. Camilleri".

Din kienet sekondata mis-Sur S.Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2571/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar ivvutaw favur. Is-Sur M.Lombardo ivvota kontra. Is-Sur A.Debono ma kienx fil-kamra.

Is-Sur M.Lombardo ressaq mozzjoni ref: 2555/09/6 "Sabiex toroq u wesgħat bla isem jissemmew kif ġej:

1) Triq ġdida fi Triq Mahatma Gandhi, li tgħaddi minn wara Blk C4 u A5 tissemma Triq Nelson Mandela.
2) Triq ġdida fi Triq Madre Tereża tissemma Triq il-Papa Ġwann Pawlu II f'egħluq l-20 sena miż-żjara tiegħu fostna.
3) Wesgħa bejn Triq ir-Riħan u Sqaq Rjallu tisemma' għal Charles Clews li kien residenti fil-Fgura.
4) Ġnien/Masġar ġdid propost li jsir fi Triq AM Valperga jisemma Ġnien il-Ġublew Parrokkjali 2010". Din kienet sekondata mis-Sur A. Debono.

Il-Viċi Sindku issekondat mis-Sur S.Camilleri ressaq emenda li tghid " li Triq numru wieħed (1), jiġi jisimha Patri Mario Enriquez; numru (2) għall-Sur Charles Clews; numru (3) għall Nelson Mandela u numru (4) flok il- kliem ġnien/masġar jinkiteb il-kliem spazju miftuħ.

Il-mozzjoni ref: 2555/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar ivvotaw favur. Is-Sur M.Lombardo Lombardo u s-Sur A.Debono ivvotaw kontra.

Il-Viċi-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2556/09/6 "Li dan il-Kunsill joħroġ avviż fil-fuljett dwar kors tal-bizzilla, skont il-kondizzjonijiet tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, kif ukoll avviż

ieħor sabiex ir-residenti juru l-interessi tagħhom f'liema suġġetti jridu jitgħallmu." Din kienet sekondata mis-Sinjura R.Cutajar.

Is-Sur M.Lombardo issekondat mis-Sur A.Debono ressaq emenda li tgħid "ħassar il-kelma "fuljett" u ikteb "karta" li jqassam fid-djar". Il-mozzjoni ref: 2556/09/6 inkluża l-emenda ma kienetx approvata. Is-Sur M.Lombardo u s-Sur A.Debono vvotaw favur, Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur S.Camilleri u s-Sinjura R.Cutajar ivvotaw kontra.

Il Mozzjoni ref: 2556/09/6 oriġinali mingħajr l-emenda kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur S.Camilleri u s-Sinjur R.Cutajar ivvotaw favur. Is-Sur M.Lombardo u s-Sur A.Debono ivvotaw kontra.

Il Viċi-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2557/09/6 "Li dan il-Kunsill jieħu dawk il-miżuri kollha neċessarji sabiex il-periklu fi Triq MB Consilli k/m Triq l-Isponsun kawża ta' blat li jostakola l-bankina ikun imneħħi għal kollox, sew permezz ta' ntervent min entitajiet konċernati u sew permezz ta' bini ta' bankina." Din kienet sekondata mis-Sur P.Dalli.

Is-Sur M.Lombardo issekondat mis-Sur A.Debono ressaq emenda li tgħid ħassar il-kelma "bankina" u għamel "road markings neċessarji". Il-mozzjoni ref: 2557/09/6 inkluża l-emenda ma kienetx approvata. Is-Sur M.Lombardo ivvota favur. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar u s-Sur A.Debono ivvotaw kontra.

Il-Mozzjoni oriġinali ref: 2557/09/6 mingħajr l-emenda kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar ivvotaw favur. Is-Sur A.Debono vvota kontra. Is-Sur M.Lombardo astjena.

Is-Sinjura R.Cutajar ressqet mozzjoni ref: 2558/09/6 "Sabiex il-Kunsill japplika għal bozza ġdida fi Triq Titu Brandsma k/m Triq il-Karmnu, bozza ġdida fi Triq Kent fuq dar "St. Rita" (ħdejn il-klabb tal-boċċi). Nerġgħu niktbu lill Enemalta għal bozza fi Triq Valperga k/m Geranium u oħra Triq Gallu / Pepprin u issir shifting ta' bozza li hemm fi Triq il-Foss kif indikat mill-Enemalta, bi spiża ta' mhux aktar minn €2000". Din kienet sekondata mis-Sur S.Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2558/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur P.Dalli ressaq mozzjoni ref: 2559/09/6 "Sabiex il-Kunsill iqabbad lil Keith Galea ikompli xogħol kollhu fejn jidħol Dwal għall monument propost bi spiża ta' mhux aktar minn €1130". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2559/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur P.Dalli ressaq mozzjoni ref: 2560/09/6 "Sabiex il-Kunsill jalloka fondi ta' €2000 biex jinxtraw generator u driller wara li jiġu provduti is-samples. L-aħjar offerta tinxtara". Din kienet sekondata mis-Sur S.Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2560/09/6 kienet approvata nem con.

5. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku nforma li ġew assenjati xi ħaddiema tal-ETC mal-Kunsill, għalhekk il-Kunsill f'obbligu li jipprovdi s-safetywear u equipment. Il-Kunsill approva unanimament.

Is-Sindku nforma li l-ħaddiem li kien assenjat mal-Kunsill is-Sur Anthony Bondin spiċċa mix-xogħol, għalhekk jaħseb li l-Kunsill għandu jagħtih token t'aprezzament. Il-Kunsill approva unanimament.

Is-Sindku nforma li d-diskussjonijiet mal-Green MT u Greenpak għadhom pendenti.

Is-Sindku nforma li ngħata trattament għall-ġrieden fil-bini propost għall-uffiċini ġodda li għandu l-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament.

Is-Sindku ppropona li jinxtraw l-ismijiet tat-toroq ġodda li ġiet appovata fil-gazetta tal-gvern Nru 18,483 jiġifieri dik ta' daħla fi Triq San Ġwann. Il Kunsill approva unanimament.

Is-Sindku qara l-ittra mibgħuta lilu mid-Deputat Segretarju Kevin Borg rigward il-ħaddiema tal-Kunsill is-Sinjura Grech Plumpton. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Grech Plumpton titla' għall-Massimu ta' Skala 11 b'effett mill-1 ta' Novembru 2009.

7. **Ftuħ u aġġudikazzjoni t'offerti**

Infetħet il-kaxxa tat-Tenders fil-preżenza tal-Kunsill. Fiha kien hemm żewġ offerti. Waħda għall-tender DWL-17-09: Street Lighting u l-oħra EI-17-09: Expression of Interest to conduct study based on consultation regarding a better quality of living in Fgura.

L-offerta tal-istreet lighting intefgħet minn Nexos. Is-Sinjura R.Cutajar kellha tħejji rapport fuq din l-offerta.

L-Expression of Interest intefgħet minn Allied Consultants.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2572/09/6 "Sabiex jinħatar sotto kumitat dwar "Research Assistance" minn Sindku, Anthony Degiovanni, Saviour Camilleri". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2572/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur S.Camilleri u s-Sinjura

R.Cutajar ivvotaw favur. Is-Sur M.Lombardo u s-Sur A.Debono astjenew.

## 8. Progress ta' Ħidma.

Il-Viċi-Sindku qal li għandu problema rigward wieħed mill-monitoring units għat-trab iswed li jinsab fuq il-bejt tal-club house. L-aċċess huwa permezz ta sellun u għalhekk mhuwiex wieħed idejali għax ma jistax imur x'ħin irid għax irid l-għajnuna. Is-Sindku nfurmah sabiex javża lill-Kunsill minn qabel biex jibgħatlu ħaddiem miegħu.

Is-Sur P.Dalli qal li fi Triq W.Levanzin hemm parti mit-triq qegħda tinżel minħabba nfiltrazzjoni tal-ilma. Għandha tiġi ppreparata stima tax-xogħol li hemm bżonn mill-perit.

Is-Sur C.Bonello daħal fil-kamra fit-7.41pm.

Is-Sur M.Lombardo ta' rapport dwar il-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Ministru G.Pullicino. Talab ukoll biex il-Kunsill jirringrazzja uffiċċjalment il-Bank of Valletta tas-sehem u l-għajnuna tiegħu.

Il-Viċi-Sindku staqsa jekk il-poster tal-Bank of Valletta kienx hemm il-permess tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li le.

Is-Sur S.Camilleri nforma lill-Kunsill bl-attivita' tal-anzjani fejn attendew għaxra u kienet suċċess.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lis-Sur S.Camilleri bħalha l-Kunsillier responsabbli mill-librerija sabiex jitkompla l-proċess tal-estensjoni jrid isir survey li l-ispiża tiegħu hi ta' madwar €495.

Is-Sur A.Debono qal li ra xi ħaddiema tal-Kunsill jaħdmu u ma kienux lebsin l-ilbies protettiv. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill pprovda lill-ħaddiema ilbiex protettiv neċessarju u anke ffirmaw li rċevewh. Għalkemm hija fir-responsabbilita' tagħhom li jilbsuhom, il-Kunsill se jiġbdilhom l-attenzjoni biex jilbsuhom.

Is-Sindku nforma l-Kunsill rigward iċ-ċerimonja tal-għaqdiet. Wara diskussjoni sar qbil li l-għaqdiet jagħtu flus u jinxtraw xi xitel mill-Kunsill. Dawn għandhom jitħawlu mir-rappreżentanti tal-għaqdiet f'Jum il-Fgura.

Is-Sur C.Bonello qal li l-Kunsill għandu jiddeċiedi l-ġurnata li fiha ser issir l-attivita' kulturali. Wara diskussjoni sar qbil li l-attivita' għandha ssir fil-5 ta' Ġunju 2009. Il-Kunsill għandu jinforma lid-Dipartiment.

## 9. Skadenza Kuntratti

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill, il-kuntratti li għandu l-Kunsill. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-kuntratti tal-Bulky Refuse, Contract Manager u Ġbir ta' skart għandhom jerġgħu joħorġu. Il-kuntratti tal-Knis, Soft Areas u Road Marking Paint, għandhom jiġu estiżi għal-sena oħra. L-Insurance għandha toħroġ kwotazzjoni u tintgħażel l-orħos offerta.

**10. <u>Budget/Business Plan</u>**

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill draft tal-Budget u Business Plan. Il-Kunsilliera ngħataw kopja biex ikunu jistgħu jagħmlu l-kummenti tagħhom f'laqgħa oħra.

**11. <u>Laqgħa tal-Lokalita' - 30 ta' Settembru 2009</u>**

Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni il-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita preċedentament iċċirkolati. Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni għal Artikolu 70, u qal li l-minuti ma jesprimux l-obbligu tal-liġi. Mistoqsi mis-Sur M.Lombardo x' jgħidu eżatt l-obbligi tal-Liġi, il-Viċi-Sindku wieġeb li ma jafx bl-amment. Is-Sur M.Lombardo kompla billi qal li skond hu (kwota Artikolu 70) il-Minuti jirriflettu l-obbligi kollha tal-liġi. Il-Viċi-Sindku reġa saħaq fuq il-pożizzjoni tiegħu. Is-Sur C.Bonello qal li l-akkużi li qiegħed jagħmel il-Viċi Sindku fil-konfront tal-Kunsill kollu huma serji ħafna.

Is-Sindku għamel dikjarrazjoni li l-minuti jirriflettu l-obbligi kollha tal-liġi u talab biex tgħaddi għall-vot. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar u s-Sur M.Lombardo vvotaw favur. Is-Sur A.Debono u s-Sur C.Bonello astjenew.

**12. <u>Feedback Bring In Sites</u>**

Is-Sindku talab lill-Kunsillier responsabbli mill-Bring In Sites, lis-Sur A.Debono sabiex jgħarraf lill-Kunsill dwar xi petizzjonijiet li daħlu rigward Bring In Sites f'siti differenti. Is-Sur A.Debono qal li jrid jinforma ruħu aħjar u jagħti rapport f' laqgħa oħra.

**13. <u>Aġġornament</u>**

Il-laqgħa ntemmet fid-9.15pm u kienet aġġornata għall-11 ta' Novembru fis-6.30pm.

____________________ ____________________

Sindku Deputat Segretarju